# FID-DAR TA' PUCCINI

## (TORRE DEL LAGO)

*Dar għażiża li lqajt l-Anġlu tal-Għana*
*li minnu ħarġet b'sengħa ġdida l-ħlewwa*
*ta' noti tas-smewwiet, qalbi tistagħna*
*ħassejt bil-ferħ, bil-qima hekk kif hemm ġewwa*

*ħitanek jiena rfist; ħassejt setgħana*
*ġo fik iżjed il-pinna li ħallewha*
*fuq il-mejda l-idejn tad-daqq sultana—*
*ta' l-Arti li ma tmutx tifkira sewwa!* (1)

*Kollox sieket hemm ġew, iżda jitkellmu*
*mar-ruħ il-karti, ix-xbihat, l-għamara,*
*u donnhom fis-skiet tagħhom qed jissellmu.*

*Hawnhekk Hu għax, hawnhekk il-lum Hu rieqed,*
*PUCCINI l-Kbir, u bl-ikbar ħeġġa u ħrara*
*ħassejtu f'qalbi jdoqq għalkemm kien sieket* (2).

Montecatini, 2. ix. 1949. A. CREMONA.

---

(1) Fuq l-iskrivanija ta' Puccini għad hemm, fost ħwejjeġ oħra, bħala *tifkira sewwa*, il-pinna li biha kiteb l-aħħar opri.

(2) *Idoqq* il-pjanu li għadu fejn l-iskrivanija ta' l-Awtur. Puccini għandu l-qabar tiegħu f'kappella fid-dar stess fejn għex l-aħħar snin ta' ħajtu. Miegħu hemm midfunin ukoll martu u ibnu li mietu warajh.